MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 249/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta' Lulju 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet kienu resqu ghal cerimonja taz-zwieg bejniethom fl-14 ta' Mejju 1994;

Illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza morali jew biza';

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien intalab bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew wahda aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (a) u / jew (d) u / jew (f) ta' l-Att XXXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet**.

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fl-14 ta' Mejju 1994 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

L-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet tal-affidavits moghti lill-partijiet fis-17 t'Awissu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollha wkoll l-istess terminu sabiex hija wkoll tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tat-3 ta' Settembru 2004 a fol. 11 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur fl-att ta' citazzjoni, il-kunsens ta' l-attur kien vizzjat peress illi huwa ta l-kunsens tieghu bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, u kwindi z-zwieg taghha ma' l-attur huwa null ghal ragunijiet unikament imputabbli ghall-attur, u dan irid igorr ir-responsabbilta' kollha bl-agir tieghu;

2. Illi l-attur ma kienx ippreparat ghall-hajja familjari mizzewga u lanqas ma kien lest jerfa' r-responsabbilta' tal-hajja mizzewga u tal-familja, u ghaldaqstant il-kunsens tieghu kien inghata bl-eskluzjoni ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u ghal dan l-eccipjenti ma tahti xejn.

3. Illi l-kunsens ta' l-attur ghal dan iz-zwieg bejn il-kontendenti kein vizzjat *ab initio* b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

4. Illi ghaldaqstant il-konvenuta taqbel illi l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta' l-**artikolu 19 (1) (a) u / jew (d) u / jew (f) ta' l-Att XXVII tal-1975 li Jirregola z-Zwigijiet** ghal ragunijiet pero' mputabbli esklussivament lill-attur;

5. Illi fl-ahharnett kwalsiasi spejjez gudizzjarji nkorsi f'din il-procedura ghandhom jibqghu a kariku ta' l-attur;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 12 u 13 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur **A** datata 18 ta' Jannar 2005 li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta' Jannar 2005 fejn il-Qorti filwaqt li kkonfermat id-digriet ta' l-affidavits minnha moghti fis-17 t'Awissu 2003, innominat lil Dr. Josette

Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa zewg seduti ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi.

Rat in-nota ta' l-attur datata 24 ta' Frar 2005 li permezz taghha esebixxa l-affidavits tal-genituri **Maria Gauci** u **Michael Gauci**, u ta' ohtu **Susan Borg**.

Rat in-nota tal-konvenuta **B** datata 21 ta' Marzu 2005 li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha, ta' ohtha **Victoria Cilia**, u ta' zijuha **Vincent Cilia**.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli fit-12 t'April 2005 fejn id-difensuri ddikjaraw li l-provi huma konkluzi u m'ghandhomx kontro-ezamijiet x'jaghmlu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Gunju 2005 fejn Dr. Beppe Fenech Adami ghall-attur iddikjara li ma pprezenta l-ebda proceduri quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, u lanqas ma rcieva xi atti simili ta' xi proceduri inizjati mill-konvenuta. Il-konvenuta u d-difensur taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-kawza giet differita ghal sentenza *in difetto ostacolo* ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur ibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-premessi li huma kkontemplati fl-**artikolu 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cjoe' l-**Att dwar iz-Zwieg**.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taht l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** li jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza'.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **"Lorenza *sive* Laura Muscat xebba Borg vs Av. Dr. Paul Micallef u P.L. John Privitera noe"** (Prim' Awla - 17 ta' Frar 1988), qalet illi sabiex zwieg ikun invalidat fuq din il-premessa, u cjoe' **artikolu 19 (1) (a)**, il-biza' jrid jkun ta' certu gravita', pero' jista' jkun assolut jew relattiv. Il-biza' tkun assoluta meta tkun tant gravi illi ggieghel bniedem normali jibza' tant illi jidhol fiz-zwieg kontra l-volonta` tieghu. Ezempji ta' dan hu meta jkun hemm theddid ta' qtil. Il-biza' tkun relattiva meta tkun tali li jekk imposta fuq persuna timida jirrizulta f'biza' li hija relattivament gravi u dan ghaliex kollox jiddependi fuq il-karattru ta' l-istess persuna.

Illi fil-kaz **"Tanya Curmi vs Charles Curmi**, (Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Mejju 1988), il-Qorti qalet illi *"in order to be considered as a vice of consent, regard must be had not only to the gravity of such fear, but also to the character and condition of the person subjected to the fear".*

Illi pero', kif isostnu l-awturi ***L. Wrenn,*** u ***Brown R.*** *"there must also be some objective gravity that is at least prudently feared."* Ghalkemm wiehed irid iqis biza' b'mod soggettiv, ma jistax jigi minsi l-aspett oggettiv tal-gravita' tal-biza' li dejjem fl-ahhar mill-ahhar ghandu jittiehed bhala test decisiv.

Illi sabiex wiehed jasal ghal definizzjoni ta' biza' xieraq li wiehed jirreferi ghal dak li gie msemmi fid-decizjoni **"Mary Lourdes Spiteri vs Christian *sive* Cristino Spiteri",** P.A. (F.D.) fis-6 ta' Lulju 1993), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Ghal dak li jirrigwarda l-biza' din tista' tigi definita fi trepidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi ncident jew haga kemm ta' dak il-hin, kemm minn haga li tista' tigri fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta' min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qieghed jigrilu jew dak li jista' jigrilu."*

Illi fil-kawza **"B Drew xebba Cutajar vs Dr. Thomas Abela u P.L. Charles Vassallo noe."** (P.A. (F.D.) fit-12 ta' Marzu 1992), il-Qorti ddefiniet biza' bhala *"dik l-offiza li titwettaq kontra l-liberta', hekk li, precizament minhabba din il-biza', 'quis cogatur ad contrahendum matrimonium'."*

Illi fis-sentenza **"Mary mart Gaetano Bilocca vs Gaetano Bilocca"**, (P.A. (F.D. – 16 ta' Mejju 1990) il-Qorti qalet illi biza' hija *"the effect, which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse."*

Illi l-istess inghad fil-kawza **"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) – 28 ta' Gunju 1994), fejn il-Qorti qalet hekk:-

*"Il-biza' tirrizulta minn tliet elementi. Fl-ewwel lok, trid tkun gravi. Fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li qed jhedded li jaghmel. Fit-tielet lok, il-biza' trid tkun il-mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."*

Illi l-attur isemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jincidi li jkun hemm vizzju ta' kunsens b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew a dirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' <u>*discretio judicii*</u> hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti w interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione*

*di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva ... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* (***Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o addirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. … … se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole" (****Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.*****, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*****)****, p. 686).*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *('colorem habens, substantiam vero nullam')* kif ukoll dak parzjali *('colorem habens, substantiam vero alteram')* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu",* jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-*'finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine*"** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu."*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri *et*",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'."*

Illi fil-kawza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 inghad li *"wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg."*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-*

*prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, ***J. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power."*

Illi wkoll, ***D.J. Burns****,* fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions. A Historical Synopsis and Commentary"** pg. 151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions*

*implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali."*

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-partijiet iltaqghu f'Settembru 1990 wara li kienu ghamlu kuntatt permezz ta' korrispondenza f'magazin lokali. Jidher li l-attur kien guvni misthi hafna u ta' wiehed u ghoxrin (21) sena kien ghadu rekluz. Kien b'inkoraggiment ta' Dun Ang Seychell li wasal biex ikkorrisponda *tramite* l-istess rivista mal-konvenuta, li min-naha taghha kien ghad kellha biss sittax-il sena (16) meta f'Settembru 1990 iltaqghet ma' l-attur wicc imb'wicc.

Illi minn hawn 'il quddiem il-verzjoni taz-zewg partijiet u ta' tax-xhieda minnhom prodotta, giet dominata mill-prova li l-konvenuta kellha sikkatura kbira minn missierha sabiex tkun tista' tohrog, tant li kien hemm limitazzjonijiet serji dwar il-hin meta kellha tidhol lura d-dar u l-granet li fihom hija setghet tohrog ma' l-attur. Is-sitwazzjoni kompliet tikkomplika ruhha peress li l-attur ma kellux hinijet fissi ghax-xoghol. Da gab pressjoni specjalment da parti tal-konvenuta sabiex il-partijiet ifittxu jizzewgu, u fuq kollox sabiex din tkun tista' tahrab mis-sikkatura li kienet qed thoss li kienet qed tghix fiha.

Illi fil-fatt il-partijiet damu sena jiltaqghu bil-mohbi tal-genituri tal-konvenuta, u wara li dawn saru jafu b'din ir-relazzjoni gie mhejji orarju strett ta' mhux aktar minn siegha kuljum fost il-gimgha u saghtejn biss is-Sibt u l-Hadd biex il-partijiet jimxu mieghu. Meta dan jigi maghdud mal-hinijiet tax-xoghol varji li kellu l-attur, il-hin effettiv li fih il-partijiet setghu jiltaqghu gie rez verament limitat. Dan gieghel lill-partijiet sabiex jaghzlu li jizzewgu malajr halli jehilsu minn dan ix-xkiel kollu u skond huma jakkistaw l-indipendenza taghhom. Min-nahat tieghu, rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni l-attur ma kienx f'pozizzjoni li jichad din il-proposta. Fil-fatt fix-xhieda kollha minnu prodotta ghamilha car li ma riedx li jerga' jispicca izolat wahdu, u kien ghalhekk biss li l-partijiet izzewgu. Dan huwa naturalment ferm 'il boghod mill-impenn necessarju ghall-kunsens validu u moghti konxjentosament ghall-hajja permanenenti u indissolubbli bejn ragel u mara, mibni fuq relazzjoni ta' mhabba u rispett lejn il-parti l-ohra, bil-ghan li tinholoq bejniethom familja gdida, b'effett ta' l-element ta' *consortium vitae* li kull parti kienet thoss ghall-parti l-ohra u lejn xulxin.

Illi bil-mod kif il-partijiet ressqu l-provi taghhom jidher car mit-testimonjanza taghhom, u dik tal-qraba u l-hbieb taghhom, li huma uzaw dan l-istitut nobbli taz-zwieg mhux bhala fini fih innifsu izda biss bhala mezz sabiex huma jaharbu jew inkella jevitaw il-problemi li hassew li kellhom f'dak iz-zmien f'hajjithom, u fl-ambjent tal-familja taghhom. Certament li z-zwieg, l-impenn u l-kunsens necessarju ghall-istess huwa *commitment* ghall-istess ghaqda nfisha bejn ragel u mara li titraxxendi kollox u tinkorpora l-hajja kollha ta' ragel u mara, u ghalhekk ghall validita' ta' l-istess, iz-zwieg ghandu jkun l-ghan ahhari u uniku tal-kompartecipi nnifishom. Illi certament iz-zwieg ma ghandux iservi jew jigi uzat biss bhala mezz jew ghodda ghall-skopijiet egoistici ta' persuna jew ohra jew tal-koppja stess, b'dan li l-istess istitut jigi ridott sabiex jintuza biss bhala mezz ghall-konvenjenza tal-partijiet.

Illi din il-Qorti thoss li f'dan il-kaz hekk gara, u dan ghaliex il-partijiet raw biss fiz-zwieg mezz sabiex jaharbu u anke jsolvu l-problemi li hassew li kellhom. Min-naha ta' l-attur

sabiex la jkun u lanqas jerga' jisfa' izolat wahdu, filwaqt li min-naha tal-konvenuta sabiex tahrab mis-sikkatura tal-familja taghha. Din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet kienu (jew poggew lilhom infushom) f'pozizzjoni ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u in verita' lanqas taw lilhom infushom l-ispazju sabiex jiddeciedu jekk verament riedux jaghmlu dan il-pass jew le ghall-fini ta' l-istess zwieg *per se.* Din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li l-istess partijiet kellhom il-kunsens taghhom vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak fuq deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fl-14 ta' Mejju 1994 huwa null u bla effett ghall-finijiet kollha tal-ligi, u dan minhabba li l-kunsens ta' kull parti kien vizzjat a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------